**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Marzu, 2018

Rikors Guramentat numru : 111/2016 AL

**A B**
**vs**
**C B f'isimha propju**
**u bhala kuratrici tal-minuri L B,**
**M N O ID. u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi r-rikorrent u l-konvenuta C B zzewgu nhar it-tnejn ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (02.07.2004) u matul iz-zwieg taghhom, twieldu tliet ulied, R, E u L ahwa B;

Illi l-minuri L B twieled nhar is-sitta` u ghoxin ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (26.12.2015);

Illi minkejja li l-istess minuri twieled fiz-zwieg tal-kontendenti, il-konvenuta C B recentement ammettiet ma' zewgha r-rikorrent, illi l-istess wild mhux l-iben bijologiku tieghu;

Illi effettivament fiz-zmien ta' meta gie kkoncepit il-minuri L B u cioe` bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri L, il-konvenuta C B kellha relazzjoni extra-matrimonjali mal-konvenut M N O; li huwa effettivament il-missier bijologiku tal-minuri;

Illi llum il-gurnata, ir-rikorrent ghazel li jsalva z-zwieg tieghu madanakollu jrid jirregola l-paternita` tal-minuri L, li peressli twieled matul iz-zwieg tieghu ma' C B, tnizzel bhala ibnu;

Illi entrambi l-partijiet, kif ukoll il-konvenut M N O, jafu li bhala stat ta' fatt il-minuri L B, mhux iben ir-rikorrent; fil-fatt saru t-testijiet genetici appositi li ikkonfermaw li L huwa bin M N O;

Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri L B, liema gie rregistrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Talab ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrent mhux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri L B li twieled nhar is-sitta` u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (26.12.2015);

2. Konsegwentement tordna li jithassru d-dettalji tar-rikorrent mil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" mic-certifikat tat-twelid tal-minuri L u jigu sostitwiti bid-dettalji tal-konvenut M N O;

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, jekk ikun il-kaz, jaffettwa l-korrezzjonijiet opportuni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemmi certifikat tat-twelid;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol.12)

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;

2. Illli preliminarjament, mingħajr ħsara għall-premess, trattasi minn kawża ta' *denegata paternità* r-rikorrent jeħtieġlu jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi l-esponent jistqarr li għalkemm ir-rikorrent stqarr li saru t-testijiet ġenetiċi li jindikaw li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri *L B* iżda l-missier huwa M N O ai termini tal-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** jonqos li jiġi preżentat ir-rapport maħluf mit-tekniku li għamel t-testijiet;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri L B a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponent jinvita lil M N O sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri L B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta

twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel L B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit L B;

6. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet '*<u>the said</u>*' li jinsabu qabel isem M N O, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid tal-minuri;

7. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenuta C B, li permezz taghha qed tammetti t-talbiet imressqa minn zewgha, permezz tar-rikors guramentat u dan stante li l-minuri L huwa iben l-konvenut M N O;

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti, a savju gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat in-nota tal-konvenut M sive M N O, li permezz taghha ikkonferma :

1. Illi l-esponent jammetti li huwa l-missier naturali tal-minuri L li twieled fis-26 ta' Dicembru 2015;
2. Illi d-dettalji tal-esponent u cioe' tal-missier naturali huma s-segwenti M sive M N O, HVAC Technician, iben P O u Q nee' F, imwieled il-Pieta' u residenti Tarxien, meta

twieled il-minuri kellu l-eta' ta' 41 il-sena, dawn id-dettalji jirrizultaw ukoll mic-certifikat tat-twelid tieghu anness u markat Dok MB 1;

Rat in-nota ippreżentata[1] mill-konvenuti C B u M sive M N O, illi permezz tagħha informaw lill-Qorti li huma jixtiequ li l-minuri L jkun magħruf bil-kunjom O.

Rat l-atti kollha tal-proċediment inkluż it-testijiet ġenetiċi[2] li saru fuq il-minuri L bi tqabbil mal-profil ġenetiku ta' M N O, l-allegat missier naturali;

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[3], illi jirrigwarda l-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 70, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna.

Rat illi l-kawża ġiet intavolata entro s-sitt xhur mit-twelid tat-tarbija u għalhekk fit-terminu konċess mill-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, għall-preżentata ta' azzjoni ta' din ix-xorta;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

FATTI

Illi l-attur A B u l-konvenuta C B xebba Agius huma miżżewġin. Fiż-zmien tal-konċepiment tal-minuri L, il-konvenuta C kellha relazzjoni extra-matrimonjali mal-konvenut M N O mil-liema relazzjoni tnisslet tarbija. Illi fis-26 ta' Diċembru 2016, il-konvenuta C B welldet iben li semmiet L[4]. It-tarbija ġiet irreġistrata bħala iben żewġ ommha u cioe bħala iben l-attur A

[1] Fil-11 ta' Diċembru 2017, fol. 32
[2] Fol. 21
[3] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[4] Ċertifikat tat-twelid relattiv huwa esebit fol. 4

B u dana peress illi l-konjuġi B kienu miżżewġin fil-mument tal-konċepiment tat-tarbija, kif effettivament għadhom sal-lum, in vista li l-attur isostni li huwa għażel li jsalva ż-żwieġ tiegħu. Illi nonostante tali reġistrazzjoni, il-minuri huwa l-iben naturali tal-konvenut O u mhux tal-attur u għalhekk l-istess attur jixtieq illi jirregola l-paternita' tal-minuri L, peress illi bħala stat ta' fatt dan m'huwiex ibnu.

Illi f'Jannar 2016, ġew elevati l-kampjuni orali minn fuq il-minuri L sabiex jitqabblu mal-kampjun orali tal-konvenut M N O, liema kampjuni kienu diġa ġew elevati f'April 2015, biex isiru l-profili ġenetiċi tat-tnejn u jiġi stabbilit jekk l-istess O huwiex il-missier naturali tal-minuri[5]. Ir-riżultat tat-tqabbil tal-profili ġenetiċi stabilixxew illi l-konvenut m'huwiex eskluż li hu l-missier bijoloġiku ta' L, u dan fil-probabilita' ta' 99.9%. **Għalhekk kull raġel ieħor huwa eskluż li jista' jkun il-missier bijoloġiku ta' L.**[6]

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-konjuġi tal-ġenitur li wiled, għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri L B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri huwa rreġistrat bħala ibnu, dan m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat. Huwa jitlob ukoll illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri jitniżżlu l-konnotati tal-konvenut M N O qua l-missier tat-tarbija.

Il-Qorti tifhem illi proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment mill-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili,

[5] Affidavit ta' Christopher Farrugia, fol. 29
[6] Dikjarazzjoni tal-istess Christopher Farrugia, fol. 29

l-istess minuri ġie imniżżel bħala l-wild naturali tal-attur A B, qua l-konjuġi tal-ġenitur li welldet it-tarbija.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali, huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, debitament maħlufa, li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur m'huwiex il-missier bijoloġiku tal-minuri L B. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi in kwantu dawna jitolbu dikjarazzjoni li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri

Dwar it-talba tal-attur kif ukoll l-eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jitniżżlu l-konnotati tal-missier naturali O fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, minflok il-konnotati tal-attur, il-Qorti tirrileva li din hija azzjoni ta' denegata paternita' intavolata mill-konjuġi li ma wilidx (preċedentement magħruf fil-liġi bħala "the husband"). Illi sabiex tista' tintlaqa' l-istess talba, fl-ewwel lok il-Qorti għandha tiddikjara illi l-konvenut M N O huwa l-missier naturali tal-imsemmi minuri. Illi l-attur ma jitlobx tali dikjarazzjoni u dana huwa korrett in vista li l-unika azzjoni spettanti lill-attur hija dik ta' denegata paternita' u cioe azzjoni illi permezz tagħha l-attur jitlob li jċaħħad lill-minuri mill-paternita` tiegħu. Kemm l-attur kif ukoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhomx il-fakolta` li jitolbu li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat għaliex it-tnejn m'għandhomx l-interess ġuridiku li jitolbu dan. Kieku ttentaw iressqu tali talba, din kienet tkun legalment insostenibbli.

Skont il-liġi, dik l-azzjoni tispetta jew lill-ġenitur naturali (il-missier naturali) ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lill-ġenitur li wiled (l-omm) ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-wild innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili.

Il-Qorti qiegħda hawnhekk issegwi l-insenjament tagħha stess f'diversi kawżi fosthom fil-kawża fl-ismijiet <u>Pierre Galea vs. Antoinette Galea et</u>[7], fil-kawża fl-ismijiet <u>Jesmond Jason Cini</u>

---

[7] Deċiża fis-7 ta' Diċembru 2016 (Rikors Ġuramentat Numru 244/15AL)

vs. Marthese Cini et[8] u fil-kawża fl-ismijiet Marco Magro vs. Maria Magro Sacco[9].

Illi minkejja li sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti ma tistax ex officio tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa l-konvenut O u konsegwentement takkolji t-talba li l-konnotati tal-konvenut qua l-missier tal-minuri jitniżżlu fiċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel.

Illi fil-każ odjern, kemm l-omm, kif ukoll l-allegat missier naturali, li huma t-tnejn parti f'din il-kawża, u li t-tnejn ammettew it-talbiet attriċi[10], bl-ebda mod ma ntavolaw talba kif tispeċifika l-liġi (ossia talba rikonvenzjonali qua konvenuti), sabiex oltre li l-minuri jiġi mċaħħad mill-paternita' tal-attur, jiġi vestit ukoll bil-paternita' tal-konvenut, billi l-konvenut O jiġi ddikjarat li huwa il-missier naturali tal-minuri.

Illi fid-dawl ta' dan in-nuqqas proċedurali, il-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tiċħad it-talba tal-attur in kwantu dana jitlob li l-konnotati tal-konvenut jitniżżlu fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri L, kif ukoll tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'dan is-sens.

Illi rigward il-kunjom li għandu jassumi l-minuri L, il-Qorti qiegħda tordna illi l-minuri L jibqa' magħruf bil-kunjom B.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

---

[8] Deċiża fit-8 ta' Frar 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 228/13AL)

[9] Deċiża fl-4 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 94/13AL)

[10] Nota t'ammissjoni tal-konvenuta Roberta Gerada, fol. 15 u n-nota t'ammissjoni tal-konvenut Mark Anthony Barbara , fol. 24

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-attur m'huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri L imwieled fis-26 ta' Diċembru 2015;

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament, fis-sens illi qiegħda tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmi L B, innumerat tlieta u tletin tas-sena elfejn u sittax (33/2016), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur;

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-istess att tat-twelid ta' L B, jikkanċella l-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm;

4. Tordna illi l-minuri L jibqa' magħruf bil-kunjom B;

Bl-ispejjeż, inkluż tat-testijiet ġenetiċi u xjentifiċi esebiti fl-atti tal-proċediment, kontra l-konvenuta C B.